# Qorti tal-Appell Kriminali

**Onor. Imħallef Dr. Antonio Mizzi LL.D., Mag. Juris (Eu Law)**

**Appell Numru: 330/2015**

Il-Pulizija

(Spettur Roderick Zammit)

vs

**John Grech**

Iben Carmel, imwieled Qormi, fid-19 ta' Marzu, 1961, detentur tal-karta ta' l-identita' numru 208361(M)

Illum 7 ta' Novembru, 2018,

Il-Qorti,

Rat l-akkużi dedotti kontra l-appellant John Grech quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta):

Talli fil-11 t' Ottubru 2012, għall-ħabta tal-05:45 hrs u fil-ħinijiet ta' qabel, ġewwa Ħal Qormi, dolożament, mingħajr il-ħsieb li joqtol jew li jqiegħed f'periklu ċar il-ħajja ta' Anthony Spiteri ID 665344M, ikkaġunalu feriti ta' natura gravi hekk kif iċċertifikat minn Dr. Annalise Buttigieg M.D. 5330.

U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi volontarjament ħassar, għamel ħsara jew għarraq ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew immobbli u cioe’ għamel ħsara fl-arma tan-nar tal-għamla Benelli bin-numru ta’ reġistrazzjoni 139434, proprjeta’ ta’ Anthony Spiteri ID 665344M għad-dannu tal-istess Anthony Spiteri.

U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi volontarjament kiser il-bon ordni u l-paċi pubblika b’għajjat u ġlied.

U aktar talli b’hekk jitqies reċediv b’sentenza datata 23 ta’ Marzu, 1983 mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta), liema sentenza saret definittiva u ma tistax tinbidel u dan ai termini tal-Artikolu 49 tal-Kodiċi Kriminali.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) tat-8 ta’ Ġunju, 2015 fejn il-Qorti fil-waqt li ma sabitx lill-imputat ħati tar-raba’ imputazzjoni u lliberatu minnha, wara li rat l-artikolu 214, 215, 216(1)(a)(b)(d), 217, 325(1)(c) u 338(dd) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta’ Malta, sabet lill-imputat ħati ta’l-imputazzjonijiet l-oħra miġjuba kontra tiegħu b’dan li ma sabitux ħati ta’ l-aggravju predispost f’l-artikolu 222A tal-Kapitolu 9 mill-liema aggravju ġie liberat u kkundannatu disgħa (9) xhur priġunerija. In oltre u b’applikazzjoni ta’l-artikolu 533 tal-Kapitolu 9 ikkundannat lill-imputat biex iħallas lir-Reġistratur ta’ din il-Qorti s-somma ta’ €103.64 rappreżentanti spejjeż rinkorsi mal-ħatra ta’ esperti.

Rat ir-rikors tal-appellanti John Grech minnu ppreżentat fit-18 ta’ Ġunju, 2015 fejn talab lil din il-Qorti jogħġobha tirriforma din is-sentenza appellata u dan billi tikkonfermaha in kwantu illiberatu mir-raba’ imputazzjoni, u tħassarha u tikkanċellaha in kwantu sabitu ħati tal-imputazzjonijiet l-oħra miġjuba kontra tiegħu u tilliberaħ minn kull imputazzjoni u ħtija; alternattivament u fl-eventwalita’ biss illi din l-Onorabbli Qorti tikkonferma l-ħtija, tirriformaha kwantu għall-piena u tapplika piena aktar miti fiċ-ċirkostanzi.

Rat l-aggravji tal-appellanti u cioe':-

Illi l-ewwel aggravju tal-esponenti jitratta l-apprezzament tal-provi fejn l-Ewwel Qorti għamlet apprezzament żbaljat tal-provi akkwiżiti.

L-Ewwel Qorti sfortunatament għamlet evalwazzjoni manifestament ħażina tal-provi akkwiziti f'din il-kawża. Għandu jingħad mill-ewwel illi mhux normali li l-Qorti ta' l-appell tiddisturba l-apprezzament tal-provi kif interpretati mill-ewwel Qorti madankollu kif intqal fis-sentenza Attard vs Direttur tas-Saħħa (Qorti ta' l-Appell tal-31 ta' Mejju 2014), riprodotta b'approvazzjoni f'Joseph John Parnis vs Mary Parnis (Appell Ċivili tal-31 ta' Ottubru 2014), *Din il-Qorti pero' tapprezza wkoll li d-dover tagħha xorta huwa li teżamina sewwa l-provi mressqa u barra minn hekk, huwa wkoll importanti li l-istess provi u l-konklużjonijiet ta' kif ġraw il-fatti in kwistjoni jiġu evalwati sewwa u interpretati skond il-liġijiet tagħna u l-ġurisprudenza l-aktar reċenti u kostanti fil-materja*.

Illi irriżulta mill-provi illi dak inhar tal-11 ta' Ottubru 2011 inqalgħet ġlieda bejn l-esponenti u Anthony Spiteri fejn irriżulta illi l-esponenti sofra ġrieħi ta' natura ħafifa u dan hekk kif konfermat minn ċertifikat mediku rilaxxjat minn Dr Ivelina Petkova a fol 97 tal-proċess filwaqt illi Anthony Spiteri sofra grieħi ta' natura gravi hekk kif konfermat minn ċertifikat rilaxxjat minn Dr Annalise Buttigieg a fol 17.

Illi bid-dovut rispett lejn l-ewwel Qorti, il-fatt illi l-offiżi sofferti minn Spiteri kienu iktar estensivi minn dawk sofferti mill-esponenti ma jrendix neċessarjment lil ta' l-ewwel bħala l-vittma u lill-esponenti bħala l-aggressur. Huwa importanti li jsir eżami approfondit taċ-ċirkostanzi u tad-dinamika tal-inċident b'mod distakkat u b'mod oġġettiv.

Illi minn analiżi akkurat tal-provi u ċ-ċirkostanżi tal-każ bl-akbar rispett għandu jirriżulta illi l-verżjoni mogħtija mill-parte ċivile Anthony Spiteri u minn martu ma hijiex verosmili. Mill-interpretazzjoni tal-fatti akkwiżiti f'dan il-proċess, ma jirriżultax illi l-esponenti aggredixxa lill-Spiteri. Spiteri jsostni illi huwa ġie aggredit mill-esponenti wara illi huwa qallu biex iħalli lill-familja tiegħu bi kwieta. Ta' min jinnota illi kien Spiteri li kien armat għaliex kien sejjer għall-kaċċa u mhux l-esponenti. L-ewwel qorti għamlet ukoll l-osservazzjoni illi s-senter ma kienx

armat b'munizzjon. Bid-dovut rispett lejn l-ewwel Qorti, l-esponenti ma kellux mod kif ikun jaf dan fil-ħin li kien qiegħed iseħħ l-inċident in kwistjoni.

Illi l-ewwel Qorti rrimarkat ukoll il-fatt li l-esponenti ma xehed xejn rigward Grace Spiteri. L-esponenti ma jaqbilx ma' din l-analiżi tal-ewwel qorti. L-esponenti mhux biss innega li qatt ittantaha iżda spjega ukoll l-involviment tagħha fl-inċident in kwistjoni fejn xehed illi waqt li huwa kien għadu jitaqbad ma' Spiteri hija tfaċċat minn ġo gallerija u waddbet vażun. Da parti tagħhom Spiteri jgħidu illi Grace niżżlet ħdejhom u qalgħet xi daqqiet. Hija tgħid ukoll li marret l-isptar u għamlet ċertifikat pero' minn fol 81 u minn fol 100 jirriżulta illi Grace Spiteri qatt ma kkonsenjat ċertifikat mediku lill-Pulizija Ezekuttiva. Fid-dawl ta' dan għalhekk m'hemmx raġuni valida għaliex m'għandhiex tiġi emmnuta l-verżjoni mogħtija mill-esponenti. Għall-inqas fuq bilanċ ta' probabbilitajiet, l-appellant irnexxielu <u>jxejjen</u> id-depozizzjoni ta' Spiteri u martu. Jirriżulta għalhekk illi tenut kont taċ-ċirkostanzi tal-każ il-verżjoni tal-konjugi Spiteri ma hijiex verosimili.

Illi jirriżulta ċarament mill-provi akkwiżiti illi l-appellant kien qiegħed jiddefendi ruħu mill-aggressjoni ta' Spiteri billi beda jilqa' għad-daqqiet mis-senter li kien fil-pussess ta' Spiteri u mhux ta' l-appellant. <u>Mhux eskluż</u> illi billi t-tnejn bdew jissaraw mas-senter, (Spiteri biex jolqot, u l-appellant biex jilqa' għad-daqqiet tas-senter), Spiteri seta' laqgħat lilu nnifsu.

Illi l-elementi tal-leġittima difesa jissussitu <u>kollha</u> f'dan ir-rigward u għaldaqstant l-esponenti kellu jiġi liberat mill-akkużi kollha.

**<u>It-tieni aggravju</u>**

Illi mingħajr pregudizzju għall-ewwel aggravju, u fl-eventwalita' biss illi din l-Onorabbli Qorti ma tilqax l-ewwel aggravju tiegħu, l-piena inflitta fiċ-ċirkostanzi kienet waħda eċċessiva fiċ-ċirkostanzi u dan għas-segwenti raġunijiet:

a. Illi fl-ewwel lok l-Ewwel Qorti ma tatx piż il-fedina penali kważi netta tal-appellant. Ħlief għal każ wieħed li jmur lura għal bosta snin, l-esponenti ma hux ta' karattru refrattarju. Li

kieku l-esponenti għandu karattru refrattarju, u xellef difru mal-pulizija kemm-il darba, wieħed kien jifhem il-piena erogata. Madankollu mhux f'dan il-każ.

b. Illi fit-tieni lok lanqas ma kkunsidrat illi l-appellant ikkopera bis-sħiħ mal-Pulizija Eżekuttiva kif *del resto* jirriżulta mill-istqarrija tiegħu.

*c.* Illi l-piena ta' disa' (9) xhur priġunerija effettiva ma kinitx indikata fiċ-ċirkostanzi. F'każijiet simili il-Qorti kkonsidrat sentenza ta' priġunerija ta' sospiża jew *conditional discharge.*

Rat l-atti kollha tal-kawża.

Semgħet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellant eżebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Ikkunsidrat,

Illi l-appellant qed jilmenta li l-Ewwel Qorti għamlet apprezzament ħażin tal-provi prodotti quddiemha u li konsegwenetment imponiet piena mhux idonea.

**Aggravji**

Illi **fl-ewwel aggravju** l-appellant jressaq il-punti segwenti :

a) Li l-Ewwel Qorti għamlet apprezzament ħażin tal-provi
b) Li l-vittma f'dan il-każ spiċċa l-aggressur
c) Li kien hemm leġittima difesa da parti tal-appellant.

**a) Li l-Ewwel Qorti għamlet apprezzament ħażin tal-provi**

Illi hu prinċipju stabbilit fil-ġurisprudenza ta' din il-Qorti li din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezeament dwar il-provi magħmul mill-ewwel Qorti jekk tasal għal konklużjoni li dik il-Qorti setgħet raġonevolment u legalment tasal għall-konklużjoni li waslet għaliha. Fi kliem ieħor, din il-Qorti ma tibbdilx id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi magħmula mill-ewwel Qorti, iżda tagħmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk l-ewwel Qorti kinitx raġonevoli fil-konklużjoni tagħha. Jekk din il-Qorti tasal għall-konklużjoni li l-ewwel Qorti, fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setgħetx raġonevolment tasal għall-konklużjoni li waslet għaliha, allura dik tkun raġuni valida, sabiex tbiddel dik id-diskrezzjoni u konklużjoni. F'dan il-kuntest wieħed jista' jara s-segwenti sentenzi:

Ir-Repubblika ta' Malta v. George Azzopardi deċiża fl-14 ta' Frar, 1989;

Il-Pulizija v. Carmel sive Chalmer Pace deċiża fil-31 ta' Mejju, 1991;

Il-Pulizija v. Raymond Psaila u Edward Ellul deċiża fit-12 ta' Mejju, 1994;

Il-Pulizija v. Amadeo Brincat u Martin Dimech deċiża fis-6 ta' Gunju, 1994;

Il-Pulizija v. Carmelo Schembri deċiża fit-28 ta' April, 1995;

Il-Pulizija v. Ezzawi Mehemed deċiża fit-3 ta' Novembru, 1995; u

Il-Pulizija v. Giovanni sive John Micallef deċiża fit-18 ta' Marzu, 2010; kollha appelli kriminali.

Din il-Qorti tirriferi għal dak li ngħad minn LORD CHIEF JUSTICE WIDGERY fil-kawza **"R. v.Cooper"** ([1969] 1 QB 276) (in konnessjoni mal-artikolu tal-liġi Ingliża s. 2 (1) (a) tal-Criminal Appeal Act, 1968) :-

*"assuming that there was no specific error in the conduct of the trial, an appeal court will be very reluctant to interfere with the jury's verdict (in this case with the conclusions of the learned Magistrate), because the jury will have had the advantage of seeing and hearing the witnesses, whereas the appeal court normally determines the appeal on the basis of papers alone. However, should the overall feel of the case – including the apparent weakness of the prosecution evidence as revealed from the transcript of the proceedings – leave the court with a lurking doubt as to whether an injustice may have been done, then, very exceptionally, a conviction will be quashed."* (Ara wkoll BLACKSTONE'S CRIMINAL PRACTICE (1991), p. 1392)

Għalhekk, din il-Qorti għamlet eżami approfondit tal-provi biex tara jekk l-Ewwel Qorti setgħetx legalment u raġjonevolment tasal għall-konklużjoni ta' ħtija.

Anthony Spiteri quddiem l-Ewwel Qorti kien xehed li lejliet li seħħet il-ġlieda, l-mara tiegħu kienet daħlet id-dar tibki u kienet qaltlu li l-appellant rassha mal-bieb tal-garaxx u ried iddaħħalha fil-

karozza. Hu qalilha biex imorru jagħmlu rapport iżda hi ma riditx minħabba li jekk iċemplu t-tfal u ma jsibuhomx id-dar u aħjar li jmorru l-għada filgħodu. Filgħodu kmieni, huwa qam bħas-soltu biex imur għall-kaċċa bil-kelba u waqt li kien qed jiftaħ il-vann biex tidħol il-kelba huwa sab lil Grech ma' wiċċu. Sadanittant huwa kellu s-senter tal-kaċċa f'idu. Huwa qal lil Grech biex iħallihom bi kwietom għax huma qatt ma tawh fastidju u dar lura .F'daqqa waħda beda jagħtih hu spiċċa mal-art Grech ħadlu s-senter u beda jagħtih bih. Beda jgħajjat għall-għajnuna u l-mara tiegħu niżlet, iżda Grech ta daqqa ġo darha bis-senter u kompla jagħtih f'wiċċu u f'rasu waqt li kien għadu mal-art. Huwa fl-aħħar waqaf itiha, ħa s-senter u qallu ser imur għand il-Pulizija u ser ngħidilhom li ħriġt bis-senter għalija. Hu u l-mara tiegħu baqgħu jistennew il-Pulizija u meta rawh il-Pulizija ċemplu Ambulanza. Huwa kellu ġrieħi serji , ksur tal-għadma ta' idu l-leminija, ksur f'imnieħru (Sinus), diversi laċċerazzjonijiet (6 b'kollox pero' kien hemm waħda ta' sebgħa ċentimetri, tnejn ta' sitt ċentimetri , tnejn oħra ta' erbgħa ċentimetri u oħra li kellha bżonn ħames punti) f'wiċċu u moħħu u brix f'irkuptejh it-tnejn.

Il-mara tiegħu Grace Spiteri xehdet li Grech kien ilu jittantaha pero' hija kienet żammet kollox mistur kemm mir-raġel tagħha u kif ukoll minn mart l-akkużat biex ma jinqalax inkwiet. Hija xehdet li hija kienet mifthema ma' xi ħbieb tagħha biex jieħdu te ħdejn l-iskola meta Grech rassha, beda jgħidilha li jħobbha u riedha tidħol fil-vann miegħu. Dak il-ħin irnexxilha taħarbu pero' reġgħet sabitu mistoħbi fil-karozza ħdejn id-dar u beda jgħajjtilha qaltlu biex iħalliha u telgħet id-dar imbeżża. Ir-raġel induna u qallha biex imorru jagħmlu rapport pero' hi kkonvinċitu biex imorru l-għada. L-għada filgħodu semgħet lil xi ħadd jgħajjat għall-għajjut u x'ħin ittawlet sabet lil żewġha mal-art u lil akkużat jagħtih bis-senter. Nieżlet tiġri u qabdet važun biex tiddefendi ruħha iżda Spiteri ta daqqa f'darha u f'sidirha. Hi bdiet tgħidlu biex iħallih u waqt li r-raġel tagħha beda jgħidlu ser toqtolni l-akkużat qallu ' noqtlok irrid'. Hija ċemplet lil Pulizija u soffriet ġrieħi ħfief.

L-akkużat kien mar bis-senter għand il-Pulizija f'idejh u qallhom li Spiteri kien aggredih għal xejn b'xejn pero' hu rnexxilu jeħodlu s-senter minn idu.

Meta xehed l-appellant quddiem l-Ewwel Qorti huwa ta verżjoni oħra tal-akkadut u jirrakonta li l-karozza tiegħu kienet ipparkjata ħdejn il-vann ta' Spiteri u dan qabad u fajjarlu daqqa ta' senter. Dak il-ħin huwa storda u Spiteri baqa' jfajjarlu . Meta beda jiġi f'tiegħu huwa qabad is-senter u

beda jissara biex jieħdu mingħand Spiteri. Komplew jissaraw, bdew jaqaw u jqumu u x'ħin irnexxilu jieħu s-senter baqa' sejjer bih għand il-pulizija. Huwa jgħid li huwa qatt ma ttanta lil Grace Spiteri u jiftakar li matul l-inċident kienet tefgħatlu važun jew qasrija. Huwa kellu tbenġila fuq għajnejh u mnieħru , briex f'idejh u irkuptejh u grif fuq il-parti ta' daru. Il-ġrieħi li huwa soffra ġew ikkwalifikati bħala ġrieħi ta' natura ħafifa.

Il-verżjonjiet mogħtija miż-żewġ partijiet involuti huma differenti għall-aħħar. Il-vittma Anthony Spiteri jgħid li huwa kellmu biex iħallihom kwieti u mhux fajjarlu daqqa bis-senter mentri l-appellant ma jagħmel ebda referenza għal kliem iżda jsostni li dan fajjarlu daqqa ta' senter għal xejn b'xejn. Il-vittma resqet lejn l-appellant bis-senter f'idu bejn wieħed u ieħor fil-5:30a.m. ta' filgħodu u għaldaqstant jista' jkun li tqanqlet xi biża fih, pero' f'dan il-każ huwa kien jaf minhu għax kien ilu bil –garaxx ħdejn id-dar tal-appellant u fl-ebda moment ma ssir referenza lejn għala setgħa jew jgħidlu ' ħallini fil-kwiet' jew għala jekk huwa kif qal l-appellant fajjarlu daqqa. Għaliex kellu jfajjarlu daqqa wara dan iż-żmien kollu. Inoltre, kemm mix-xhieda ta' Spiteri u kif ukoll tal-mara tiegħu joħroġ ċar li ma kienx hemm intenzjoni li jkellmu iżda li jagħmlu rapport l-għassa. Kieku Spiteri ried jieħu l-liġi b'idejh għax ittantalu l-mara kien jinżel għalih dak il-ħin fis-saħna tal-mument kif ra lil mara imbeżża u mhux jagħmel għalih x'ħin rah filgħodu kmieni.

Jekk l-appellant beża' minn Spiteri minħabba li kellu s-senter xorta jibqa' l-fatt li Grech kompla jagħtih bis-senter anke wara li l-mara ta' Spiteri kienet niżlet biex twaqqafhom anzi beda jgħidlu li ried joqtlu. Grech jgħid li huwa beda jissara ma' Spiteri biex jeħodlu s-senter iżda jidher li huwa baqa' jagħtih bis-senter anke wara li kien ħadulu minn idejh.

Inoltre, l-ġrieħi li soffra Spiteri huma ferm iktar gravi minn dawk tal-appellant u huwa ċar li ngħataw b'saħħa kbira.

Huwa minnu li s-senter ma kellux miktub li ma kellux munizzjon u li l-appellant setgħa reaġixxa b'dak il-mod għax ħaseb li kien fih munizzjon peress li l-vittma kellu s-senter f'idu għax kien sejjer għal kaċċa pero' huwa xorta kompla jtih wara li kien irnexxilu jeħodulu.

Illi l-Ewwel Qorti stqarret li l-versjoni mogħtija mill-parte ċivile għandha iktar mis-sewwa u din il-Qorti hi tal-fehma li l-ewwel Qorti waslet raġonevolment u legalment għal din il-konklużjoni.

Għaldaqstant dan l-aggravju mhux qed jiġi milqugħ.

B**) Li l-vittma spiċċa l-aggressur u Ċ) li l-appellant kien qed jiddefendi lilu nnifsu.**

L-appellant qed jilmenta li għalkemm huwa għandu feriti ta' natura ħafifa ma jfissirx li huwa ma kienx il-vittma ta' dan il-każ. Huwa jsostni li huwa kien il-vittma għax huwa ġie attakkatt minn Spiteri meta fajjarlu daqqa u huwa rrisponda billi prova jiddefendi lilu nnifsu għall-attakk li għamillu Spiteri.

Skont in-noti tal- Professur Sir Anthony Mamo: '*The accused must prove that the act was done by him to avoid an evil which could not otherwise be avoided. In other words the danger must be sudden, actual and absolute. For if the danger was anticipated with certainty, a man will not be justified who has rashly braved such danger and placed himself in the necessity of having either to suffer death or grievous injury or to inflict it. In the second place the danger must be actual: if it had already passed, it may, at best, amount to provocation or, at worst, to cold-blooded revenge, and not to legitimate defence; if it was merely apprehended, then other steps might have been taken to avoid it. Thirdly, the danger threatened must be absolute, that is, such that, at the moment it could not be averted by other means*.' (Notes on Criminal law, Part I page 20)

In oltre, fis-sentenza mogħtija mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fis-26 ta' Awwissu, 1998 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Augusto Auguliaro** ġie ritenut illi: "*Mhux kull minnn "jaġixxi biex jiddefendi ruħu" necessarjament jista' jinvoka dana l-artikolu (l-Artikolu 223 tal-Kodici Kriminali). Il-liġi titkellem ċar dwar il-"bżonn attwali ta' difiża leġittima" ta' dak li jkun jew ta' ħaddieħor. Kemm fid-dottrina kif ukoll fil-ġurisprudenza tagħna hu ormai stabbilit li biex wieħed jista' jinvoka dina l-iskriminanti l-aggressjoni subita trid tkun inġusta, gravi u inevitabbli. L-*

*element ta' inevitabilita' jiġi nieqes meta wieħed, minflok ma jevita l-inkwiet ossia l-ġlied li jara ġej meta dan ikun jista' b'mod raġonevoli jiġi hekk evitat, imur mingħajr raġuni valida jaffrontah b'mod li jippreċipita  huwa stess il-konfront fiżiku''.*

Illi jidher li meta l-appellant irnexxilu jieħu s-senter f'idejh ma waqfx hem iżda kompla jagħti lil vittma li kien f'dan l-istadju hu stess qed jgħidlu qed toqtolni. Il-vittma kien spiċċa bla saħħa tant li meta marru l-Pulizija kellhom iċemplu lil ambulanza.

In fatti fis-sentenza hawn fuq imsemmija, l-Qorti tal-Appell Kriminali kompliet billi għamlet referenza għal dak li kien qal **Lord Justice Widgery fil-kawża R vs Julien (1969) 1 WLR 839**: ' *It is not…. the law that a person threatened must take to his heels and run in the dramatic way suggested by Mr McHale; but what is necessary is that he should demonstrate by his actions that he does not want to fight . He must demonstrate that he is prepared to temporize and disengage and perhaps to make some physical withdrawal, and that that is necessary as a feature of the justification of self defence is true, in our opinion, whether the charge is a homicide charge or of something less serious''. (Fol 843).*

*Għaldaqstant dawn l-aggravji mhux qed jiġu milqugħa.*

**Fit-tieni aggravju l-appellant jsostni li l-piena hija eċċessiva għaċ-ċirkostanżi tal-każ.**

Illi fil-fehma tal-appellant l-piena imposta mill-Ewwel Qorti ta' disa' (9) xhur priġunerija hija waħda eċċessiva u li l-Ewwel Qorti ma ħaditx in konsiderazzjoni li huwa kkopera mal-Pulizija.

Għal fini ta' piena l-Ewwel Qorti kkunsidrat in-natura serja tar-reati addebitati lil appellant u l-fatt li l-fedina penali tiegħu hija kważi netta. Għalhekk għalkemm imponiet piena karċerarja hija marret iktar viċin il-minimu milli l-massimu stabbilit mill-liġi.

Ili din il-Qorti hija tal-fehma li l-ġrieħi li ġew inflitti fuq Anthony Spiteri huma serji  kemm il-laċerazzjonijiet  f'wiċċu u kif ukoll l-fatt li kisirlu idu u għaldaqstant taqbel mal-konklużjonijiet tal-Ewwel Qorti.

Għaldaqstant din il-Qorti qed tiċħad  l-appell ta' John Grech u tikkonferma s-sentenza appellata.